MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 285/2004

**Virtu' Ferries Ltd**

**Vs**

**United Ferries Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta attrici ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lil dik attrici s-somma ta' *US$186,926.08,* rapprezentanti diversi fornimenti u servizzi ohra rezi mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta u dan skond fatturi hawn annessi u mmarkati Dokument "VF1";

Ippremettiet illi dan l-ammont huwa wiehed cert, likwidu u li ghalaq u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' xi fatt;

Ippremettiet illi *nonostante* li giet interpellata diversi drabi kemm bil-miktub kif ukoll verbalment is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Talbet lis-socjeta' konvenuta sabiex tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta *United Ferries Limited* debitrici favur is-socjeta' attrici fis-somma ekwivalenti f'liri Maltin ta' *US$186,926.08* fid-data tas-sentenza rapprezentanti fornituri u servizzi ohra rezi mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ekwivalenti f'liri Maltin ta' *US$186,926.08* fid-data tas-sentenza;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici ta' llum stess li in forza taghha irriduciet it-talba ghal *US$98,307;*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti ta' llum stess li in forza taghha qieset li s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjoni validi xi tressaq kontra t-talba kif ridotta;

Semghet l-Avukati ta' l-partijiet;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata. Il-Qorti taghmel referenza ghal minuti tal-*Board Meeting* tas-socjeta' konvenuta tal-20 ta' Mejju, 2004, fejn *Mr. El Chiati,* ghas-socjeta' konvenuta, *"stated that the amount actually due by United Ferries to Virtu' amount to USD98,307"*, liema minuti ma gewx kontestati bhala li ma jirriflettux dak li ntqal f'dik il-laqgha; Il-Qorti inoltre, ma

ssib xejn minn qari tal-minuti ta' dik il-laqgha, u tal-laqgha Straordinarja Generali li sehhet fl-istess jum, li jindika li dik l-ammissjoni tas-*Sur Chiati* m'ghandhiex tinqara skond it-tifsira cara taghha.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' u tlettin elf u tmien liri Maltin (Lm34,008), ekwivalenti ghal USD 98,307 skond il-*Middle rate* ta' illum mahruga mill-*Bank Centrali ta' Malta* (2.8907), bl-ispejjez kontra is-

socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------